SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-242/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Gerechtshof te Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Lulju 2009, fil-proċedura

Albron Catering BV

vs

FNV Bondgenoten,

John Roest,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President ta' Awla, D. Šváby, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis u J. Malenovský (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Mejju 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Albron Catering BV, minn P. Kuypers u P. M. Klinckhamers, avukati,

— għal FNV Bondgenoten u M. Roest, minn E. Unger, avukat, u P. Kruijff, konsulent legali,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u M. Noort kif ukoll minn Y. de Vries, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Enegren u W. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' kawża bejn Albron Catering BV (iktar 'il quddiem "Albron") u FNV Bondgenoten (iktar 'il quddiem "FNV") u J. Roest, sabiex jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest ta' grupp ta' kumpanniji li fih waħda mill-entitajiet ġuridiċi topera bħala persuna ċentrali li timpjega u tassenja l-ħaddiema tagħha lil diversi kumpanniji li jikkostitwixxu dan il-grupp, it-trasferiment tal-attivitajiet ta' kumpannija tal-imsemmija grupp lil kumpannija barra dan l-istess grupp, jiġifieri Albron, għandux jiġi kkunsidrat bħala li jaqa' taħt ir-regoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema stabbiliti permezz tad-Direttiva 2001/23.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 Id-Direttiva 2001/23 ikkodifikat id-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivi għall-ħarsien tad-drittijiet tal-impjegati f'każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' negozji (ĠU L 61, p. 26) kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 201, p. 88).

4 It-tielet premessa tad-Direttiva 2001/23 tistipula illi: "[h]uwa neċessarju li jigi pprovdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikulari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati".

5 L-Artikolu 1(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi:

"a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta'

riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le."

6 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/23 jistipula:

"1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

a) 'min jagħmel it-trasferiment' għandu jfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, għar-raġuni ta' trasferiment fis-sens ta' l-Artikolu 1(1), ma tibqax il-persuna li timpjega għar-rigward ta' l-impriża, in-negozju jew il-parti ta' impriża jew negozju;

b) 'min lilu jsir trasferiment' għandu jfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, għal raġuni ta' trasferiment fis-sens ta' l-Artikolu 1(1), isir dak li jimpjega f'dak li jirrigwarda l-impriża, n-negozju jew parti ta' impriża jew negozju;

[…]

d) 'impjegat għandu jfisser kull persuna li, fl-Istat Membru kkonċernat, hija protetta bħala impjegata taħt il-liġi nazzjonali ta' l-impjieg.'

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' mpjieg.

[...]"

7 Skont l-Artikolu 3(1) u (3) tad-Direttiva 2001/23:

"1. Id-drittijiet u l-obbliġi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, wara d-data tat-trasferiment, min jagħmel it-trasferiment u min lilu jsir it-trasferiment għandhom ikunu impenjati konġuntement u separatament għar-rigward ta' obbliġi li kienu kkawżati qabel id-data ta' trasferiment minn kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment.

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri approprjati biex jiżguraw li min jagħmel it-trasferiment jinnotifika lil min lilu jsir it-trasferiment bid-drittijiet u l-obbliġi kollha li jkunu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment skont dan l-Artikolu, sa fejn dawk id-drittijiet u l-obbligi huma jew għandhom ikunu magħrufa minn min jagħmel it-trasferiment fil-ħin tat-trasferiment. Nuqqas minn min jagħmel it-trasferiment li jinnotifika lil min lilu jsir it-trasferiment b'xi dritt jew obbligazzjoni ta' din ix-xorta m' għandux jaffettwa t-trasferiment ta' dak id-dritt jew obbligazzjoni u d-drittijiet ta' xi impjegati kontra min lilu jsir it-trasferiment u/jew min jagħmel it-trasferiment għar-rigward ta' dak id-dritt jew l-obbligu.

3. Wara t-trasferiment, min lilu jsir it-trasferiment għandu jkompli josserva t-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma f'kull ftehim kollettiv skont l-istess kondizzjonijiet applikabbli għal min jagħmel it-trasferiment taħt dak il-ftehim, sad-data li fiha l-ftehim kollettiv jispiċċa jew jiskadi jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ieħor.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu għall-osservazzjoni ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet bil-kundizzjoni li dan ma jkunx anqas minn sena wahda."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

8 L-Artikolu 610(1) tal-Ktieb 7 tal-Kodiċi Ċivili Olandiż (Burgerlijk Wetboek) jiddefinixxi kuntratt ta' impjieg skont il-liġi Olandiża kif ġej:

"Il-kuntratt ta' impjieg huwa l-kuntratt fejn waħda mill-partijiet, min jaħdem, jobbliga ruħu, għal żmien definit u bi skambju għal salarju li jforni x-xogħol lill-parti l-oħra, il-persuna li timpjega."

9 L-Artikolu 663 tal-Ktieb 7 tal-Kodiċi Ċivili Olandiż jistabbilixxi:

"Mill-fatt tat-trasferiment ta' impriża, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw għall-persuna li timpjega, fil-ħin tat-trasferiment, minn kuntratt ta' impjieg konkluż bejn il-persuna li timpjega u l-impjegat assenjat ma' din l-impriża, huma ttrasferiti *ipso iure* lil min lilu jsir trasferiment. Waqt perijodu ta' sena wara t-trasferiment, il-persuna li

timpjega tibqa' wkoll responsabbli *in solidum* flimkien ma' min lilu sar it-trasferiment għal-obbligi li joħorġu mill-kuntratt ta' impjieg li ġew maħluqa qabel it-trasferiment".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Heineken international huwa grupp Olandiż li jiġbor produtturi ta' birer. Il-persunal kollu, fi ħdan dan il-grupp, huwa impjegat minn Heineken Nederlands Beheer BV (iktar 'il quddiem "HNB"). HNB hija wkoll persuna ċentrali li timpjega u tassenja l-persunal f'kumpanniji operattivi differenti tal-grupp Heineken fil-Pajjiżi l-Baxxi.

11 J. Roest kien impjegat mill-HNB mis-17 ta' Lulju 1985 sal-1 ta' Marzu 2005, fil-pożizzjoni ta' kollaboratur fid-dipartiment tal-"forniment tal-ikel". Huwa ġie ttrasferit mill-HNB, flimkien ma' madwar 70 kollaboratur ieħor tal-istess dipartiment, ma' Heineken Nederland BV (iktar 'il quddiem "Heineken Nederland"), kumpannija illi, sal-1 ta' Marzu 2005, kienet tipprovdi l-ikel lill-impjegati tal-grupp Heineken f'postijiet varji. Fil-kuntest ta' dan it-trasferiment, kien japplika l-ftehim kollettiv konkluż fi ħdan HNB.

12 J. Roest huwa membru tal-FNV, trejdjunjin li għandha b'mod partikolari l-għan li tħares l-interessi tal-membri tagħha fil-qasam tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-pagi, b'mod partikolari fil-konklużjoni ta' ftehim kollettiv.

13 Fl-1 ta' Marzu 2005, l-attivitajiet ta' forniment tal-ikel ta' Heineken Nederland ġew ittrasferiti, bis-saħħa ta' ftehim, lil Albron.

14 Albron teżerċita fuq it-territorju kollu tal-Pajjiżi l-Baxxi, b'mod partikolari, attività ta' forniment ta' ikel, jiġifieri l-ġestjoni u l-provvista ta' servizzi ta' catering, partikolarment fil-qasam ta' ristoranti ta' impriżi, kemm fis-settur privat u kif ukoll fis-settur pubbliku, abbażi ta' kuntratt konkluż għal dan il-għan ma' klijent. J. Roest kien daħal jaħdem ma' Albron fl-1 ta' Marzu 2005, bħala kollaboratur fid-dipartiment "ristoranti ta' impriżi".

15 L-FNV u J. Roest ressqu lil Albron quddiem il-Kantonrechter (Qorti Kantonali) sabiex jiġi deċiż li t-trasferiment tal-attività ta' forniment ta' ikel li seħħ fl-1 ta' Marzu 2005 bejn Heineken Nederland u Albron huwa trasferiment ta' impriża skont id-Direttiva 2001/23 u li l-ħaddiema impjegati mill-HNB li ġew ittrasferiti minn Heineken Nederland daħlu fl-impjieg *ipso iure* ma' Albron sa minn din id-data.

16 L-FNV u J. Roest talbu wkoll li Albron għandha tiġi kkundannata tapplika l-kuntratt ta' impjieg konkluż bejn Albron u J Roest, b'effett retroattiv mill-1 ta' Marzu 2005, il-kundizzjonijiet li kienu japplikaw bejn HNB u J. Roest sa dik id-data u li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-arretrati fil-pagi dovuti mill-1 ta' Marzu 2005, għandhom jiġu imposti fuq Albron iż-żieda legali ta' 50 % bis-saħħa tal-Artikolu 625 tal-Ktieb 7 tal-Kodiċi Ċivili Olandiż, kif ukoll l-interessi legali minn meta nħoloq tali dejn. L-FNV u J. Roest fl-aħħar nett talbu li Albron tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż.

17 Permezz ta' sentenza mogħtija fil-15 ta' Marzu 2006, il-Kantonrechter laqgħet dawn it-talbiet, bl-eċċezzjoni taż-żieda legali ta' 50 %.

18 Albron appellat minn din is-sentenza quddiem il-Gerechtshof te Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam).

19 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi illi l-Gerechtshof te Amsterdam ddeċidiet illi tissospendi d-deċiżjoni u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva 2001/23 […] għandha tiġi interpretata fis-sens li trasferiment ta' drittijiet u obbligi lil min lilu jsir it-trasferiment kif previst fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) iseħħ biss jekk min jagħmel it-trasferiment tal-impriża li għandha tiġi ttrasferita jkun ukoll il-persuna formali li timpjega lill-ħaddiema kkonċernati, jew il-protezzjoni tal-ħaddiema intiża mid-direttiva [2001/23] timplika li, fil-każ ta' trasferiment ta' kumpannija operattiva li tappartjeni għal grupp, id-drittijiet u l-obbligi eżistenti fir-rigward tal-ħaddiema assenjati ma' din l-impriża jiġu ttrasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment jekk il-persunal kollu li jaħdem fi ħdan il-grupp ikun impjegat minn kumpannija (li tappartjeni wkoll għal dan il-grupp) li għandha bħala għan il-ġestjoni tal-persunal u li tiffunzjona bħala persuna ċentrali li timpjega?

2) Kif għandha tkun ir-risposta għat-tieni parti tal-ewwel domanda jekk il-ħaddiema msemmija iktar 'il fuq assenjati ma' waħda mill-impriżi tal-grupp ikunu impjegati minn kumpannija oħra li tappartjeni wkoll għall-istess grupp imma li ma hijiex kumpannija li għandha bħala għan il-ġestjoni tal-persunal kif deskritt fl-ewwel domanda?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq il-mertu

20 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fil-każ ta' trasferiment fis-sens

tad-Direttiva 2001/23 ta' impriża li tappartjeni għal grupp għal impriża barra minn dan il-grupp, tistax tibqa' kkunsidrata bħala "min jagħmel it-trasferiment", skont l-Artikolu 2(1)(a) tal-imsemmija direttiva, l-impriża tal-grupp li magħha l-ħaddiema kienu assenjati b'mod permanenti minkejja li ma kinux marbuta b'kuntratt ta' impjieg (iktar 'il quddiem il-"persuna li timpjega mhux kuntrattwalment"), peress illi fi ħdan dan il-grupp teżisti impriża li magħha l-ħaddiema kkonċernati kienu marbuta b'tali kuntratt ta' impjieg (iktar 'il quddiem il-"persuna li timpjega kuntrattwalment").

21 L-ewwel nett, mill-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2001/23 jirriżulta illi min jagħmel it-trasferiment huwa dak li, minħabba t-trasferiment, skont l-Artikolu 1(1) tal-imsemmija direttiva, jitlef il-kwalità ta' persuna li timpjega.

22 Mill-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżulta b'mod ċar illi l-persuna li timpjega mhux kuntrattwalment, wara t-trasferiment tal-attività ttrasferita, tilfet il-kwalità ta' persuna li timpjega mhux kuntrattwalment. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż li jista' jiġi kkunsidrat bħala "min jagħmel it-trasferiment", skont l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2001/23.

23 Sussegwentement, kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, il-protezzjoni mogħtija permezz ta' din id-direttiva lill-ħaddiema f'każ ta' bdil tat-tmexxija ta' impriża tirrigwarda d-drittijiet u l-obbliġi ta' min jagħmel it-trasferiment li jirriżultaw, fid-data tat-trasferiment tal-impriża, minn kuntratt ta' impjieg jew minn relazzjoni ta' impjieg, filwaqt li skont l-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, l-eżistenza jew le ta' kuntratt jew ta' relazzjoni ta' impjieg għandha tiġi evalwata skont id-dritt nazzjonali.

24 Ir-rekwiżit, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, jew ta' kuntratt ta' impjieg, jew, b'mod alternattiv u għalhekk ekwivalenti, ta' relazzjoni ta' impjieg, fid-data

tat-trasferiment, iwassal sabiex jiġi kkunsidrat illi, skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, rabta kuntrattwali ma' min jagħmel it-trasferiment ma hijiex rikjesta, fiċ-ċirkustanzi kollha, sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 2001/23.

25 Min-naħa l-oħra, mid-Direttiva 2001/23 ma jirriżultax illi hemm xi rapport ta' sussidjarjetà bejn il-kuntratt ta' impjieg u r-relazzjoni ta' impjieg, u li għalhekk, fis-sitwazzjoni fejn hemm iktar minn persuna li timpjega waħda, għandha tiġi sistematikament privileġġjata l-persuna li timpjega kuntrattwalment.

26 Għalhekk, f'kuntest bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 2001/23 ma tipprekludix illi l-persuna li timpjega mhux kuntrattwalment, li magħha xi ħaddiema huma assenjati b'mod permanenti, tista' tkun ikkunsidrata wkoll bħala "min jagħmel it-trasferiment" fis-sens tad-Direttiva 2001/23.

27 Fl-aħħar nett, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2001/23 jirriżulta illi "ikun hemm trasferiment fis-sens ta' [l-imsemmija] direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le."

28 Għaldaqstant, skont id-Direttiva 2001/23, trasferiment ta' impriża jippresupponi b'mod partikolari l-bidla tal-persuna ġuridika jew fiżika li hija responsabbli mill-attività ekonomika tal-entità ttrasferita u li, b'dan il-mod, bħala l-persuna li timpjega ħaddiema f'din l-impriża, tistabbilixxi relazzjonijiet ta' impjieg ma' dawn tal-aħħar, jekk ikun il-każ, minkejja n-nuqqas ta' relazzjonijiet kuntrattwali mal-imsemmija ħaddiema.

29 Minn dan isegwi illi l-pożizzjoni ta' persuna li timpjega kuntrattwalment, li xorta ma hijiex responsabbli mill-attività ekonomika tal-entità ekonomika ttrasferita, mhux bilfors għandha awtomatikament tkun superjuri, għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' min hi l-persuna li għamlet it-trasferiment, fuq il-pożizzjoni tal-persuna li timpjega mhux kuntrattwalment li hija responsabbli mill-imsemmija attività.

30 Din l-analiżi hi sostnuta mit-tielet premessa tad-Direttiva 2001/23, li tenfasizza l-ħtieġa li tipproteġi lill-ħaddiema fil-każ li jinbidel "min jimpjega". Dan il-kunċett jista', effettivament, f'kuntest bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jirreferi għal persuna li timpjega mhux kuntrattwalment, li hija responsabbli mill-ġestjoni tal-attività ttrasferita.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk, fi ħdan grupp ta' kumpanniji, jeżistu fl-istess ħin żewġ persuni li jimpjegaw, wieħed li għandu relazzjonijiet kuntrattwali mal-ħaddiema ta' dan il-grupp u l-ieħor li għandu relazzjonijiet mhux kuntrattwali ma' dawn tal-aħħar, xorta tista' tiġi kkunsidrata bħala "min jagħmel it-trasferiment" fis-sens tad-Direttiva 2001/23, il-persuna li timpjega responsabbli mill-attività ekonomika tal-entità ttrasferita illi, b'dan il-mod, għandha relazzjonijiet ta' impjieg mal-ħaddiema ta' din l-entità, u dan minkejja l-fatt li ma għandhiex relazzjonijiet kuntrattwali mal-imsemmija ħaddiema.

32 Għaldaqstant, ir-risposti għad-domandi magħmula għandhom ikunu illi, fil-każ ta' trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23 ta' impriża li tappartjeni għal grupp, lil impriża li hija barra minn dan il-grupp, tista' wkoll tiġi kkunsidrata bħala "min jagħmel it-trasferiment", fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tal-imsemmija direttiva, l-impriża tal-grupp li magħha l-ħaddiema kienu assenjati b'mod permanenti mingħajr ma kienu marbuta magħha b'kuntratt ta' impjieg, minkejja illi fi ħdan l-istess grupp hemm impriża li magħha l-ħaddiema kkonċernati kienu marbuta permezz ta' tali kuntratt ta' impjieg.

Fuq l-effetti ta' din is-sentenza ratione temporis

33 Fl-osservazzjonijiet tagħha, Albron qajmet il-possibbiltà għall-Qorti tal-Ġustizzja, illi f'każ li tikkonstata illi tali sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt id-Direttiva 2001/23, tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' din is-sentenza għall-kawżi li huma pendenti quddiemha.

34 Insostenn tat-talba tagħha, Albron issostni, l-ewwel nett illi n-numru ta' talbiet imressqa kontra HNB u impriżi oħra li għamlu trasferiment huwa "kunsiderevoli" u li HNB diġà ħallset pagamenti ta' tmiem l-impjieg lill-impjegati li bdew jaħdmu ma' Albron. It-tieni nett, hija ssostni illi l-operaturi ekonomiċi seta' jkollhom aspettattiva leġittima, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, illi l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 hija suġġetta għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' impjieg ma' min jagħmel it-trasferiment.

35 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil regola tad-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-kompetenza mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tispeċifika, jekk ikun neċessarju, it-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif għandha jew kif kellha tinftiehem u tiġi applikata mill-mument li ddaħħlet fis-seħħ. Minn dan jirriżulta li r-regola hekk interpretata tista' u għandha tiġi applikata mill-qorti anki għal relazzjonijiet ġuridiċi li jkunu qamu u ġew ikkostitwiti qabel is-sentenza li tiddeċiedi fuq it-talba għal interpretazzjoni, jekk barra minn hekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li jippermettu li tiġi mressqa kontroversja dwar l-applikazzjoni tal-imsemmija regola quddiem il-qrati kompetenti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Frar 1988, Blaizot *et*, 24/86, Ġabra p. 379, punt 27; tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman, C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 141, u tal-10 ta' Jannar 2006, Skov u Bilka, C-402/03, Ġabra p. I-199, punt 50).

36 Għaldaqstant, huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fis-sistema ġuridika tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja jista'

jkollha tillimita l-possibbiltà għal kull persuna interessata li tinvoka dispożizzjoni li hija interpretat sabiex tqajjem dubju fir-rigward ta' relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti *in bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tiġi kkonstatata, huwa neċessarju li żewġ kriterji essenzjali jkunu sodisfatti, jiġifieri l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji (ara s-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2007, Brzeziński, C-313/05, Ġabra p. I-513, punt 56, u tat-13 ta' April 2010, Bressol *et*, C-73/08, Ġabra p. I-2735, punt 91).

37 B'mod iktar speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet għal din is-soluzzjoni biss f'ċirkustanzi preċiżi ħafna, meta, minn naħa, kien jeżisti riskju ta' riperkussjonijiet ekonomiċi gravi partikolarment dovuti għan-numru kbir ta' relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti *in bona fide* abbażi tal-leġiżlazzjoni kkunsidrata bħala validament fis-seħħ u meta, min-naħa l-oħra, kien jidher li l-individwi u l-awtoritajiet nazzjonali kienu ġew imħeġġa sabiex jaġixxu b'mod li ma kienx konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minħabba inċertezza oġġettiva u kbira fir-rigward tal-portata tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni, inċertezza li għaliha kienu kkontribwixxew l-aġir innifsu ta' Stati Membri oħra jew tal-Kummissjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' April 2006, Richards, C-423/04, Ġabra p. I-3585, punt 42, u Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57).

38 Għandu jiġi kkonstatat illi, fil-kawża prinċipali, Albron ma ssottomettiet lill-Qorti tal-Ġustizzja l-ebda prova konkreta li tista' tistabbilixxi r-riskju ta' diffikultajiet serji marbuta ma' numru kbir ta' kawżi, li wara din is-sentenza, jistgħu jinbdew kontra HNB u impriżi oħra li għamlu trasferiment. Barra minn hekk, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li l-HNB kienet diġà ħallset pagamenti ta' tmiem l-impjieg lill-impjegati li bdew jaħdmu ma' Albron ma huwiex, fi kwalunkwe każ, rilevanti.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex meħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-kriterju tal-*bona fide* tal-partijiet ikkonċernati huwiex sodisfatt.

40 Għaldaqstant ma hemmx lok li l-effetti ta' din is-sentenza jkunu limitati *ratione temporis*.

Fuq l-ispejjeż

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Fil-każ ta' trasferiment skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, ta' impriża li tappartjeni għal grupp lil impriża li hija barra minn dan il-grupp, tista' wkoll tiġi kkunsidrata bħala "min jagħmel it-trasferiment", fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tal-imsemmija direttiva, l-impriża tal-grupp li magħha l-ħaddiema kienu assenjati b'mod permanenti mingħajr ma kienu marbuta magħha b'kuntratt ta' impjieg, minkejja illi fi ħdan l-istess grupp hemm impriża li magħha l-ħaddiema kkonċernati kienu marbuta permezz ta' tali kuntratt ta' impjieg.

Firem